**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 18 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 416/02AE**

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Joseph Pace Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' supply and laying ta' irham u servizzi ohra relatati, provduti u ezegwiti lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta konvenuta ai termini tal-kuntratt ta' appalt datat 26 ta' Frar 1998.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 10) u li permezz taghha ddikjarat li hija s-socjeta attrici li hi debitur ta' dik konvenuta u dan in forza ta' kuntratt ta' bejgh. F'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta ghamlet talba rikonvenzjonali li permezz taghha talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,372) rapprezentanti bilanc fuq kuntratt ta' bejgh ta' tlett mitt folja fibreboard 8'x4'.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici (fol. 17) u li permezz taghha eccepiet:

1. It-talba rikonvenzjonali hija guridikament insostenibbli billi fil-kaz odjern m'hemmx l-elementi rikjesti ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12.
2. It-talba rikonvenzjonali hija guridikament insostenibbli skond l-Artikolu 1348(3) tal-Kap. 16.
3. F'kull kaz it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

1. Jibda biex jinghad li bejn il-kontendenti m'hemmx kontestazzjoni dwar is-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) mitluba mis-socjeta attrici. Tant hu hekk li r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed: *"dwar l-irham jiena m'ghandix kwistjoni mas-socjeta attrici, jigifieri b'riferenza*

*ghall-hlas ta' l-erba' mitt Lira Maltin"* (seduta tat-23 ta' Mejju 2002). L-ammont huwa dovut, b'dan li s-socjeta konvenuta qeghda tippretendi li hija kreditur tas-socjeta attrici f'ammont li jeccedi din ic-cifra.

2. Il-kwistjoni hija ghalhekk limitata ghat-talba rikonvenzjonali li giet prezentata mis-socjeta konvenuta. Fir-rigward ta':

(a) L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta attrici, din m'hijiex flokha stante li mill-atti jirrizulta li l-iskop tal-kontro-talba *"huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha"* (Artikolu 396[b]) tal-Kap. 12).

(b) It-tieni eccezzjoni sollevata, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Artikolu 1348 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ma japplikax ghal kaz odjern. Il-provi mressqa juri bic-cjar li l-bejgh sar f'salt (igifieri tlett mitt folja) u ghalhekk japplika l-Artikolu 1349 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss wiehed kellu japplika l-Artikolu 1348 tal-Kodici Civili, *"tali vendite, come si argomenta dall-articolo 1062 (ta' l-Ordinanza numru XII tal-1868) non sono perfetti in quanto la proprieta delle cose non passa nel compratore prima che esse siano numerate; ma sono perfette in quanto le parti ne*

*rimangano vincolate, suche' non possono liberarsi dell'impegno assunto"* (sentenza riportata fil-Volum XVI.9). F'dan il-kaz *"**il-vinkolu obbligatorju hu kostitwit sa mill-mument tal-inkontru taz-zewg volontajiet**: hu biss it-trasferiment tal-proprieta' tal-hwejjeg mibjugha li jsegwi f'mument successive, ossija meta l-hwejjeg jigu mizghuna, maghduda jew imkejla"* (**Carmelo Agius vs Paolo Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 1973).

3. Mill-provi rrizulta li:

(a) Fid-19 ta' Ottubru 1998, is-socjeta attrici xtrat tlett mitt folja ta' fibreboard minghand is-socjeta konvenuta ghall-valur ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100);

(b) Il-ftehim kien li l-hlas isir *on consignment* u minhabba nuqqas ta' spazju s-socjeta konvenuta kellha zzomm il-merkanzija ghandha sakemm issir talba ghall-konsenja;

(c) Saru zewg konsenji (ara dokumenti a fol. 23 u 24 tal-process);

(d) Fis-7 ta' Dicembru 1998 is-socjeta attrici ddecidiet li ma kellhiex iktar bzonn din il-merkanzija, u l-ordni gie ikkancellata ghall-kumplament ta' mija u sitta u disghajn (196) folja.

4. Bejgh hu perfett: *"malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz"* (Artikolu 1347 tal-Kap. 16). Huwa maghruf ukoll li hadd ma ghandu l-jedd li jittermina b'mod unilaterali ftehim bhal dan.

5. Minn fax mibghuta mis-socjeta konvenuta u li ggib id-data tal-25 ta' Frar 2002 (fol. 22) jirrizulta li l-hlas pretiz huwa ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm548), li huma danni allegatament sofferti mis-socjeta konvenuta minhabba l-fatt li s-socjeta attrici b'mod unilaterali hassret il-bejgh Min-naha l-ohra l-ammont pretiz fit-talba rikonvenzjonali huwa ta' elf tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,372), igifieri l-prezz ta' 196 folja.

6. Fil-fehma tat-Tribunal il-kwistjoni kollha hija jekk kienx hemm qbil li jithassar il-bejgh tal-folji li kienu ghadhom ma gewx ikkonsenjati. Victor Aquilina (impjegat tas-socjeta attrici) xehed fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2002 u qal: *"Fis-7 ta' Dicembru 1998 cempilt lil Joseph Pace, gharraftu bl-izvilupp li kien inqala', u ftehmna li s-socjeta konvenuta thassar l-ordni. Peress illi konna on good terms ghidtlu li xorta konna ser niehdu konsenja ohra ta' tnejn u hamsin folja ohra. Meta jiena*

*ghidtlu li ridna nhassru l-ordni, hu qalli li l-folji kienu bhala stock u li ma kienx hemm problemi".*

7. B'riferenza ghat-talba li saret mis-socjeta konvenuta, it-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

- Fit-talba rikonvenzjonali taghha, is-socjeta konvenuta ddikjarat *"illi wara li ha parti minn din il-merkanzija ix-xerrejja baqghu ma hadux il-bilanc tal-merkanzija u dan ghadu fil-mahzen tal-kumpannija Joseph Pace Limited"* (fol. 12). Min-naha l-ohra r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kkonferma fix-xhieda li ta fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2002, li l-merkanzija nbieghet lil haddiehor.

- Is-socjeta konvenuta tikkontradici lilha nnifisha in kwantu originarjament talbet il-hlas ta' qliegh li tghid li tilfet (ara Dok. RV1 a fol. 22) u mbaghad ressqet talba rikonvenzjonali ghall-hlas tal-bilanc ta' prezz. Min-naha l-ohra Joseph Pace xehed: *"jiena qieghed infittex ghall-profitt illi l-kumpannija tilfet talli ntilef in-negozju"* (seduta tat-23 ta' Mejju 2002). It-Tribunal irid joqghod ghat-talba kif espressa fir-rikonvenzjoni.

- Il-verzjoni moghtija mis-socjeta attrici tidher iktar verosimili. Mill-provi rrizulta li:

(a) Is-socjeta konvenuta bieghet il-merkanzija lil terzi.

(b) Wara s-7 ta' Dicembru 1998 (data meta s-socjeta attrici tikkontendi li ntlahaq ftehim li jithassar il-bejgh), is-socjeta konvenuta baqghet regolarment taghmel pagamenti lis-socjeta attrici (ara Dok. B a fol. 4 tal-process). Dan minkejja l-fatt li fit-talba rikonvenzjonali tghid li: *"il-partijiet kienu ftehmu li il-kumpannija Hal Mann tixtri merkanzija minghand il-kumpannija Joseph Pace u il-hlas isir billi jitnaqqsu ammonti mill-kont li Joseph Pace Limited kellha ma Hal Mann Limited"* (fol. 12).

(c) Joseph Pace (rapprezentant tas-socjeta konvenuta) xehed: *"jiena meta kont nigi biex naghmel il-pagamenti – kont ingebbed kemm jista' jkun il-pagamenti sabiex is-socjeta attrici* ***tilhaq tixtri xi haga ohra. Fl-4 ta' Awissu 1999 jiena tkellimt mal-accountant tas-socjeta attrici u ghidtlu li biex naghmlu ahna pagament <u>kont nippretendihom jixtru minghandna. Hu staqsini x'kellna bhala merkanzija. Jiena tajtu lista' ta' diversi oggetti, li huma kienu gieli xtraw minghandna</u>*** *"*. Kliem li jsahhah it-tezi tas-socjeta attrici li l-partijiet kienu lehqu ftehim li bih hassru l-bejgh tal-folji tal-*fibreboard*. Minn kliem dan ix-xhud jidher bic-cjar li f'dak l-istadju s-socjeta konvenuta ma kenitx ghadha tinsisti fuq il-bejgh tal-folji ta' l-injam.

(d) Bejn is-7 ta' Dicembru 1998 (data meta s-socjeta attrici tghid li thassar il-bejgh) sal-25 ta' Frar 2002 (data meta s-socjeta konvenuta baghtet fax u talbet il-hlas ghall-telf ta' qliegh) ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta ghamlet xi talba jew hadet xi passi biex iggieghel lis-socjeta attrici tonora l-ftehim. Mill-atti jirrizulta wkoll li s-socjeta konvenuta ressqet din il-pretenzjoni wara li fit-23 ta' Frar 2002 kienet giet notifikata bl-avviz tat-talba li pprezentat is-socjeta attrici (ara fol. 9 tal-process).

Cirkostanzi li fil-fehma tat-Tribunal kollha jimmiltaw favur it-tezi tas-socjeta attrici li l-bejgh gie mhassar bi ftehim bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400), bl-imghax.

2. Jichad it-talba rikonvenzjonali mressqa mis-socjeta konvenuta u jilqa' t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**